# Beati u Qaddisin ...Frar

3 ta' Frar Santa Katerina de Ricci Vergni



S. CATERINA DE' RICCI, 1522-1590
*4 febbraio, vergine e monaca*

Il-lum l-Ordni Dumnikana tikkommemora it-tifkira ta' din il-mara qaddisa.

Twieldet fil-25 ta' April 1523 minn Pierfrancesco de' Ricci u Katerina Panzano li tawha l-isem ta' Sandrina. Meta kellha hames snin tilfet lil ommha u zijitha li kienet superjura tal -kunvent benedittin ta' San Pietro in Montelcelli laqghetha ghandha. Minn eta' zghira kienet migbuda biex timmedita il-Passjoni ta' Kristu. Wara li zaret hafna monasteri biex tara fl-liema wiehed kienet ser tidhol religjuza, l-ghazla taghha waqghet fuq il-kunvent dumnkan ta' San Vincenzo di Prato. Minhabba l-opposizzjoni ta' missierha kient kwazi qed tmut izda mirokolosament fieqet mhux qabel ma missierha ceda ghax-xewqa taghha li tidhol soru. Fit-18 ta' Mejju 1535 meta ghalqet id-19 il-sena dahlet soru fil-kunvent ta' San Vincenza u hadet l-isem ta' Katerina. Zijuha patern Timoteo Ricci kien ta' ghajnuna hafna ghaliha. Ghal-ewwel hassitha xi ftit disorjentata fil-kunvent minhabba l-indifferenza ta' hutha s-sorijiet l-ohra li ma setghux jifhmu l-grazzji u d-don ta' l-estasi li kienet tircievi minghand Alla.

Kienu jahsbuha li hija xi mignuna u kwazi waslu biex jibghatuha 'l barra mill-kunvent lejliet il-professjoni taghha religjuza.   Katerina ghaddiet minn provi kbar. Bosta drabi kienet timrad u tfieq b'mod straordinarju. B'pacenzja kbira u b'umilta irmexxilha tigbed l-ammirazzjoni u r-rispett tas-sorijiet l-ohra. Kellha hafna tormenti fisici u morali li mexxewha'l quddiem fil-hajja tar-ruh. Dawn nafu bihom ghax Katerina kienet obligata b'ubbidjena mposta minn zijuha Patri Timoteo, li tgharrafhom lil gwida tan-novizzi.   L-ewwel Hamis ta' Frar tas-sena 1542 Katerina kellha l-ewwel estasi tal-Passjoni, fenomenu mistiku li kien jirrepeti ruhu kull gimgha ghal tnax-il sena. Minn nofsinhar tal-Hamis sa' l-Erghba tal-Gimgha. Kienet tghix mument mument id-diversi stadji tal-Kalvarju, f'komunjoni intima spiritwali mal-Vergni Mbierka u ghal tul il-gimgha kollha kienet iggib f'gisimha s-sinjali ta' sofferenza kbira. L-ahbar ta' dan il-fenomenu waslet f'widnejn il-general ta' l-ordni u l-awtorita' tal-Kurja.

Il-Papa Pawlu III baghat kardinal biex jezamina il-fatti u irraporta lura li l-grajja kienet genwina. Fid-14 ta' April irceviet l-pjagi li baqghu jidhru fuq gisimha li ma rax tahsir wara mewtha.  Il-fulkru tal-qdusija taghha kienet il-meditazzjoni fuq it-tbatija ta' Kristu. Mietet fit-2 ta' Frar 1590 u giet ikkanonizata fis-sena 1746.